**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Numru: 198/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Imwieled nhar id-29 ta' Novembru 1982, residenti ġewwa Carmel, Flat 3, Triq l-Awetta, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 44501L

Illum, 29 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Alexander Anthony Gialanze Whiteford, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fit-23 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta ta' 00:55hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Kalkara u/jew fil-viċinanzi waqt li kien qed isuq vettura tat-tip Honda numru ta' reġistrazzjoni EBS 784: -

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 izda anqas minn €2,500 għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin u lok, saq vettura tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS 784 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
3. U aktar talli attakka jew għamel rezistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1189 Jurgen Falzon u PC 918 Clayton

Azzopardi, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat lil Alexander Anthony Gialanze Whiteford ħati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal piena komplessiva ta' disa' xhur priġunerija filwaqt li ma sabitux ħati tat-tielet imputazzjoni u għalhekk illiberatu minnha. In oltre, ai termini tar-Regolamenti 40 tal-Leġislazzjoni 65.18, il-Qorti mponiet erba' punti ta' penali fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-ħati. Ai termini tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien għaxar xhur minn meta jiskonta l-piena karċerarja mposta b'dina is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexander Anthony Gialanze Whiteford, ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma l-istess sentenza fejn ma sabitux ħati tat-tielet imputazzjoni filwaqt li tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni akkuzi dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew in subsidum, f'kaz li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għal piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' 9 xhur priġunerija u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Ottubru 2023.

Rat li permezz ta' rikors intavolat mill-appellant nhar il-31 t'Ottubru 2023 huwa talab sabiex dina l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, ai termini tal-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li nhar l-1 ta' Novembru 2023, l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għat-talba tal-appellant "*stante li fil-proċeduri odjerni r-rikorrent ma kienx ġie akkuzat b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga kif jirrikjedi l-artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga*".

Semgħet ix-xhieda ta' Joanna Buhagiar Fiott.

Rat illi permezz ta' digriet datat it-12 ta' Jannar 2024, din l-Qorti laqgħat it-talba tal-appellant u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, irreferiet lill-istess appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord datata 26 ta' Lulju 2024, fejn ġie deċiż li l-każ tal-appellant ingħalaq b'suċċess.

Rat li tali konkluzzjoni ġiet ikkonfermata bil-ġurament minn Joanna Buhagiar Fiott nhar it-18 t'Ottubru 2024.

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali datata 12 ta' Settembru 2024 minn fejn jirriżulta illi l-appellant għad għandu is-segwenti proċeduri penali pendenti kontra tiegħu:

- Kumpilazzjoni numru 5395/2022 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Victor Axiaq.
- Kumpilazzjoni numru 115/2021 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Giannella Camilleri Busuttil.
- Kumpilazzjoni numru 1562/2027 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Doreen Clarke.
- Kumpilazzjoni numru 320/2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Audrey Demicoli.

- Kumpilazzjoni numru 702/2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Audrey Demicoli.
- Kumpilazzjoni numru 488/2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Saviour Demicoli.
- Kumpilazzjoni numru 950/2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Ian Farrugia.
- Kumpilazzjoni numru 97/2021 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech.
- Kumpilazzjoni numru 3621/2022 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Charmaine Galea.
- Kumpilazzjoni numru 13/2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Natasha Galea Sciberras.
- Kumpilazzjoni numru 81/2010 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Edwina Grima.
- Kumpilazzjoni numru 133/2006 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Giovanni Grixti.

- Kumpilazzjoni numru 1071/2005 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Antonio Mizzi.

- Kumpilazzjoni numru 533/2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Lawrence Quintano.
- Kumpilazzjoni numru 232/2022 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Elaine Rizzo.
- Kumpilazzjoni numru 631/2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Gabriella Vella.
- Kumpilazzjoni numru 763/2022 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Gabriella Vella.
- Kumpilazzjoni numru 433/2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Monica Vella.
- Kumpilazzjoni numru 304/2021 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alexander Anthony Gialanze Whiteford" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Monica Vella.
- Appell numru 950/2005/1 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Sharfid Josef (Joseph) Whiteford Gialanze Alexander Anthony" quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Edwina Grima.
- Appell numru 198/2023/1 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Whiteford Gialanze Alexander Anthony" quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Edwina Grima.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Qorti tibda' billi tinnota li għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell tiegħu u għalhekk ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-istess.

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ventilat, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha filwaqt li fit-tieni aggravju tiegħu, huwa jisħaq li ma nġabitx prova tal-ħsara volontarja allegatament kommessa minnu. Stante li dawn iz-zewġ aggravji t-tnejn li huma jittrattaw l-apprezzament tal-provi, din l-Qorti ser tezaminahom flimkien.

Illi, huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-23 ta' Ġunju 2020 għal ħabta ta' 00:30hrs kienet qed iseħħ operazzjoni mill-iskwadra ta' kontra id-Droga bl-assistenza ta' uffiċjal mis-Sezzjoni tal-RIU bil-għan li tkun interċettata vettura tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni EBS-784. Illi meta din il-vettura misjuqa mill-appellant ġiet imwaqqfa mill-pulizija fil-kors ta' din l-operazzjoni polizjeska hekk imsejjħa "*stop and search*", seħħ impatt bejn din il-vettura u l-vettura tal-pulizija

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

bin-numru GVP-239 u dan meta l-appellant ipprova jaħrab milli jkun imwaqqaf mill-pulizija. Skond l-*affidavit* redatt minn PS 1122 Arthur Rizzo jirriżulta li meta z-zewġ vetturi mis-sezzjoni tal-RIU mblukkaw l-karreġjata libera tal-vettura misjuqa mill-appellant, dan ġibed lejn il-lemin tiegħu biex jiskapulhom, saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku, laqat u tela' parzjalment fuq il-bankina u baqa' jsuq biex b'hekk spiċċa ħabat man-naħa tax-xellug ta' quddiem tal-vettura GVP-239. Jirriżulta li wara dan l-impatt, l-appellant kompla jsuq u meta reġa' ġie mwaqqaf, reġa' ħabat man-naħa ta' wara tal-istess vettura tal-Pulizija. Dan kollu huwa kkonfermat ukoll fl-*affidavits* redatti minn PS 918 C. Azzopardi u PC 1189 J.Falzon rispettivament.

Illi, sussegwentement, mix-xhieda ta' PS 614 Stielike Pullicino, li jaħdem fil-garaxx tal-Pulizija, jirriżulta li l-istima tal-ħsarat subiti fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP-239, senjatament fiz-zewġ bibien tax-xellug ta' l-istess, kienet tammonta għal erba' mitt Ewro (€400)

Illi, jirriżulta ukoll li l-appellant, *a tempo vergine*, wara li ngħata d-drittijiet kollha skond il-liġi stqarr hekk:

> "**Jien kont tiela lejn il-mina tal-Kalkara u minn faċċata tiegħi rajt il-karozza tal-Pulizija u kienet ġejja lejja u kellha d-dawl u hekk kif jien għaddej dħalt għal ġol vettura l-oħra. Hekk kif jien indunajt li ħbatt waqaft minnufih ftit metri bogħod. Irrid inzid li jien ma kelli l-ebda intenzjoni li nweġġa' lil xi ħadd**".

Meta huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti xehed li dakinhar tal-inċident *de quo* kien taħt l-effett tad-droga u hekk kif kien ra l-vettura tal-Pulizija ġejja fid-direzzjoni tiegħu, ħaseb li kienet dieħla ġo fih. Jixhed;

> "**Skapulajtha l-karozza, kienet għal ġo fiha**"... "**Ġiet fuq il-handbrake, daret, ilqatta' fil-bieba jiena ta' wara mingħalija jew ta' quddiem, imxiet biċċa oħra u waqfet il-karozza tiegħi. Waqaft jien jiġifieri**".

Illi, ukoll, mill-*affidavit* redatt minn Karin Maria Cremona, in rapprezentanza ta' Transport Malta, irrizulta li l-appellant qatt ma kellu liċenzja tas-sewqan Maltija.

Illi, minn dawn il-provi l-Ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi, ma tatx affidament lill-verżjoni tal-appellant li stqarr illi kienet il-vettura tal-pulizija li saqet b'veloċita' eċċessiva għal fuqu u hu ipprova jevita li sseħħ kollizjoni. Illi din il-Qorti tistqarr illi ma hemm xejn sindikabbli f'din id-deċiżjoni. Huwa evidenti illi hekk kif l-appellant induna li kien ser jiġi imwaqqaf mill-pulzija sabiex issir tfittxija fuqu u fil-vettura tiegħu, huwa ipprova jaħrab minn fuq il-post, għamel manuvri ferm perikolużi fis-sewqan tiegħu, meta dan lanqas biss kien liċenzjat biex isuq fit-triq, bil-konsegwenza illi ħabat volontarjament fil-vettura tal-pulizija u kkaġuna il-ħsara reklamata, kif ikkonfermata fix-xiehda ta' Stielike Pullicino li, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant fl-aggravju tiegħu, kien qed jixhed għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-parti danneġġjata f'dan l-inċident. Illi fuq kollox l-Ewwel Qorti setgħet tistrieħ fuq ix-xiehda ta' dan l-uffiċjal jekk kienet tal-fehma illi l-ammont reklamat kien wieħed ġustifikat u li jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi, mingħajr il-ħtieġa li jitqabbad espert li, *del resto,* kien iservi biss sabiex jiżdiedu l-ispejjeż għall-appellant stess f'każ ta' sejbien ta' ħtija. *Inoltre*, għalkemm sar il-kontro-eżami lil dan ix-xhud, id-Difiża fl-ebda ħin ma jidher li kienet qed tikkontesta l-ammont indikat fl-istima eżebita. Mhux biss, iżda jidher illi ix-xhud stqarr illi il-bibien milquta ġew mibdula sabiex b'hekk l-ammont minnu indikat kien jirrifletti l-valur li effettivament tħallas. Għalhekk, din l-Qorti ma ssib xejn sindikabbli fis-sentenza appellata fir-rigward u għalhekk l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant qed jiġu respinti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar aggravju rimess għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant. L-appellant jisħaq li tali piena kienet eċċessiva u esaġerata u li għandha tiġi ittemperata.

Illi, t-talba magħmula mill-appellant fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala il-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġaladarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad.

Illi, mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2024, jirriżulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> **(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:**
>
> **Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.**
>
> **(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.**

Illi, mid-dokumenti u x-xhieda formanti parti mill-atti proċesswali odjerni, jirriżulta illi l-appellant għandu storja twila ta' abbuż ta' droga. Dan magħdud, madanakollu, jidher illi l-appellant finalment għaraf il-bżonn li jegħleb il-vizzju tat-tossikodipendenza u qed jikkopera bis-sħiħ fil-programm ta' riabilitazzjoni, tant illi l-każ tiegħu quddiem il-Bord ingħalaq b'suċċess.

Illi, għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aħħar aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-*proviso* tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu ta' priġunerija għar-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ħati. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell interpost u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**i) Tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; u**

**ii) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu; u**

**iii) Tikkonfermaha fil-parti fejn, ai termini tar-Regolamenti 40 tal-Leġislazzjoni 65.18, imponiet erba' punti ta' penali fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-appellant; u**

**iv) Tikkonfermaha fil-parti fejn, ai termini tal-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal zmien għaxar xhur, liema terminu jibda' jiddekorri mid-disgħa ta' għada filgħodu; u**

**v) Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-perijodu ta' disa' xhur priġunerija effettivi u minflok wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-perijodu ta' disa' xhur (9) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-terminu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien erba' snin (4) mil-lum. Wara li rat l-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lil ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation għal żmien erba' snin mil-lum, b'dan illi l-Uffiċjal sorveljanti għandu jara li l-appellant jibqa' jingħata il-kura li għandu bżonn sbiex jegħleb il-vizzju tiegħu tad-droga.**

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma joqgħodx għal kondizzjonijiet imposti fuq fl-ordni imposta fuqu jew jekk ma jobdiex lill-Uffiċjal Sorveljanti.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kumpilazzjonijiet pendenti quddiemha sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawżi bin-numri 5395/2022, 115/2021, 1562/2027, 320/2005, 702/2005, 488/2005, 950/2005, 97/2021, 3621/2022, 13/2013, 81/2010, 133/2006, 1071/2005, 533/2007, 232/2022, 631/2020, 763/2022, 433/2020 u 304/2021. Tordna ukoll li kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lil Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-appelli pendenti quddiemha sabiex tiġi inserita fl-atti tal-kawżi bin-numri 950/2005/1 u 198/2023/1.

**Edwina Grima**

**Imħallef**